**A.L. 387 ta' l-2003**

## ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

### Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku u għandhom jiftiehmu u jinqraw ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L.70 ta' l-1996.

Iżid ir-regolament 18 ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minnufih wara r-regolament 17 tar-regolament prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:–

Tħassir u Riserva.

18. (1) Bla ħsara għas-subregolamenti (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament, dawn ir-regolamenti għandhom itemmu milli jibqgħu fis-seħħ u għandhom jiġu mħassra b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004.

(2) Mill-1 ta' Jannar, 2004 dawn ir-regolamenti ma għandhomx jibqgħu japplikaw ħlief għal:

(a) dik il-proċedura ta' akkwisti li setgħet inbdiet taħt dawn ir-regolamenti; u

(b) dawk l-akkwisti skond ma jiġu dikjarati bl-awtorità bil-miktub tal-Ministru u li huma regolati taħt dawn ir-regolamenti;

u dawk l-akkwisti għandhom jibqgħu jiġu hekk regolati sakemm jiġu finalizzati l-proċeduri kollha li jkollhom x' jaqsmu magħhom.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx ikunu japplikaw għal ebda proċedura ta' akkwist mibdija fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara dik id-data.

(4) Id-dispozizzjonijiet tas-subregolamenti (2) u (3) ma għandhom ikunu japplikaw għal ebda akkwist iffinanzjat għal kollox jew f'parti minnu minn istrumenti finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea.".

**L.N. 387 of 2003**

## FINANCIAL ADMINISTRATION AND AUDIT ACT (CAP. 174)

### Public Service (Procurement) (Amendment) Regulations, 2003

IN exercise of the powers conferred by article 4 of the Financial Administration and Audit Act, the Minister of Finance and Economic Affairs has made the following regulations:–

**1.** The title of these regulations is the Public Service (Procurement) (Amendment) Regulations, 2003 and they shall be read and construed as one with the Public Service (Procurement) Regulations, 1996, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation. L.N. 70 of 1996.

**2.** Immediately after regulation 17 of the principal regulations, there shall be added the following new regulation:– Adds new regulation 18 to the principal regulations.

Repeal and saving. 18. (1) Subject to subregulations (2), (3) and (4) hereof these regulations shall cease to be in force and shall be repealed with effect from the 1st May, 2004.

(2) As from the 1st January, 2004 these regulations shall no longer be applicable except for:–

(a) such procurement procedure as may have been commenced under these regulations; and

(b) such procurement as on the written authority of the Minister are declared to be regulated under these regulations.

and such procurement shall continue to be so regulated until all procedures in connection therewith are finalized.

(3) The provisions of subregulation (2) of these regulations shall not be applicable to any procurement procedures commenced on or after the 1st May, 2004.

(4) The provisions of subregulations (2) and (3) shall not apply to any procurement funded in whole or in part by European financial instruments.".